**17 ta' Frar**

**Tifkira ta'**

IS-SEBA' QADDISIN FUNDATURI

TAL-ORDNI TAS-SERVITI TA' MARIJA

Kienu sebat irġiel minn Firenze li għall-ewwel għexu ħajja ta' eremiti fuq il-għolja Senario, l-iżjed f'ġieħ Marija Verġni. Imbagħad daru t-Toscana kollha jxandru l-kelma ta' Alla, u waqqfu l-Ordni tas-Serviti ta' Marija, approvat mis-S. Sede fl-1304. It-tifkira tagħhom issir illum, il-jum li, kif jingħad fih miet S. Alessju Falconieri, wieħed mis-sebgħa.

Mill-Komun tal-Qaddisin irġiel: għar-reliġjużi...

**Fit-Tifħir ta' sbiħ il-jum**

Ant. tal-kant ta' Żakkarija Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa li l-aħwa jgħammru flimkien!

Talba

Agħtina, Mulej, it-tjieba tar-ruħ ta' l-aħwa qaddisa li llum qegħdin infakkru, li kellhom devozzjoni tal-għaġeb lejn l-Omm qaddisa ta' Alla, u ħabirku biex iressqu lejk il-poplu tiegħek. B'Ibnek.

**Fil-Għasar**

Ant. tal-kant ta' Marija Fejn l-aħwa jsebbħu lil Alla flimkien, hemm il-Mulej jagħti l-barka.